**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Novembru, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**-vs-**

**Daniele Aquilina detentur tal-karta ta' l-Identità 568393M**

*Kumpilazzjoni Nru. 129/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Daniele Aquilina** u ċioe` talli:[1]

1. Fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Marzu 2021 u l-4 ta' Marzu 2021 għal ħabta ta' nofs il-lejl ġewwa Triq ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex ikkommetta serq ta' oġġetti minn fuq il-persuna ta' Vanessa Borg liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37 u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' l-istess Vanessa Borg u u/jew ta' xi persuna/i oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Vanessa Borg u Kathleen Montilla Castillo kontra l-volontà' tagħhom u dan bil-ħsieb ta'

[1] Fol.1-5

estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejjiġhom.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Vanessa Borg liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Clayton Fsadni detentur ta' numru tar-reġistru mediku 4026 tal-berġa tas-saħħa, Floriana.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Kathleen Montilla Castillo liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Clayton Fsadni detentur ta' numru tar-reġistru mediku 4026 tal-berġa tas-saħħa, Floriana.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Nakkużawh talli fit-3 ta' Marzu 2021 għal ħabta ta' 23:45Hrs ta' filgħaxija fil-Ġnien tal-Kunsill ta' l-Ewropa li jinsab fi Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, l-Gżira u/jew fl-inħawi tal-madwar bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin minn fuq il-persuna ta' Daniel Severiano Alonso Garcia De Quiros, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mil-volontà tiegħu.

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Daniel Severiano Alonso Garcia De Quiros kontra l-volontà' tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejjiġhom.

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

9. Talli fit-3 ta' Marzu 2021 bejn 16:30Hrs u 17:00Hrs minn ġewwa r-residenza Palazzo Testaferrata, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex ikkommetta serq ta' mobile, liema serq huwa ikkwalifikat bl-ammont li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin Euro ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-dannu ta' Ritianne Aquilina u/jew persuni oħra.

10. Talli fl-4 ta' Marzu 2021 għal ħabta ta' 13:00Hrs ta' wara nofs inhar ġewwa l-istabbiliment 'Micro Data Technology Shop' ġewwa Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex għamel użu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi juri haġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara għad-dannu ta' Aussama Benwur u/ jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza.

13. U aktar talli fis-06 ta' Marzu 2021, għall-ħabta ta' bejn il-18:30hrs u 19:30hrs minn ġewwa 113, Madonna Ta' Pinu, Triq Lorenzo Manche', Attard, ikkommetta serq ta' għodda, liema serq huwa ikkwalifikat bl-ammont li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin Euro ċenteżmu (€2,329.37), bil-lok u bil-ħin u dan għad-detriment ta' John Colombo u Maria-Grazia Colombo u/jew persuni oħra.

14. Talli fis-6 ta' Marzu 2021 u fil-ġranet u xhur ta' qabel, f'diversi nħawi fil-gżejjer Maltin, ikkaġuna biża lil zijuh Emanuel Aquilina, li huwa membru domestiku li kienet se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tiegħu.

15. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D fid-digriet tagħha tal-22 ta' Ġunju 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

16. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Rachel Montebello LLD fid-digriet tagħha tal-28 ta' Settembru 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

17. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet tagħha tal-26 ta' Frar 2021 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

18. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, u cioe` wara li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried seta' jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni w mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li qed isib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessi.

Ittieħed konsiderazzjoni li fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) u erba' (4), kif ukoll fir-rigward tal-imputazzjonijiet sitta (6) u seba' (7) japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta-reati. Ġie kunsidrat li l-

imputazzjonijiet numru ħdax (11) u tnax (12) servew bħala mezz ai fini għall-għaxar (10) imputazzjoni. Fl-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali hemm mankanti l-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla l-imputazzjoni numru erbatax (14) u għalhekk ma tista' qatt tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni addebitata lilu.

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset ir-reati serjissimi w numerużi li tagħhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali voluminuża w imżewwqa tal-imputat, tal-istadju ferm tardiv li fih ġiet reġistrata din l-ammissjoni, propju fil-jum li kellha ssir it-trattazzjoni finali, taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ mhux anqas tal-effett li għemilu ħallew fuq il-vittmi tiegħu. Ma setgħax ma jitteħidx kont tal-fatt li l-vittmi tal-imputat kienu seba' (7) inkluża oħtu stess. Ġie kunsidrat li l-imputat hu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 **u 289** tal-Kodiċi Kriminali. Ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputat, li donnha ma trid tispiċċa qatt, turi biċ-ċar li post l-imputat mhux fis-soċjetà. Hu dritt tas-soċjetà li tipproteġi lilha nfisha minn nies bla skrupli bħal Aquilina li ma għandhomx limiti safejn kapaċi jaslu.

Il-Qorti ma setgħetx ma tosservax illi anke wara l-ammissjoni tiegħu, l-imputat lanqas wera xi rimors għall-għemilu jew lissen xi forma ta' skuża għad-deni li ġab fuq persuni innoċenti li kienu qed jgħixu ħajjithom mingħajr ma jagħtu fastidju lil ħadd, sakemm il-ħarstu waqgħet fuqhom.

B'sentenza mogħtija llum stess fil-konfront tal-imputat, ***Kumpilazzjoni Numru 505/2020,*** il-Qorti, wara li sabet lill-imputat ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk kif mogħtija b'digrieti (a) tal-Onor. Maġistrat Dr. Nadine Lia nhar it-22 ta' Ġunju, 2020 u (b) tal-Onor Maġistrat Dr. Rachel Montebello nhar it-28 ta' Settembru, 2020, għaddiet sabiex ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali ikkonfiskat l-ammonti tal-garanziji li jissemmew f'dawk id-digrieti - tnax il-elf Ewro (€12,000) u erbat elef u mitejn Ewro (€4,200) – rispettivament.

Għalhekk qed tastjeni milli terġa tgħaddi għall-konfiska ta' dawk l-ammonti kif kontemplat bl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm l-imputat, anke fuq ammissjoni tiegħu stess, qed jinstab ħati tal-ksur tagħhom; l-imputazzjonijiet numru ħmistax (15) u sittax (16).

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(ċ)(e), 183, 184, 214, 215, 221(1), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269, 270, 274(ċ), 275, 277(a), 279(a)(b), 280(1)(2), 289, 308, 310(1)(b) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta w tal-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal piena ta' **tmien (8) snin u nofs priġunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali qed tordna li l-ammont ta' għaxart elef Ewro **(€10,000)** garanzija biex l-imputat iżomm mal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest skond digriet tal-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli mogħti nhar is-26 ta' Frar 2021,[2] jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Peress li ma saritx talba mill-prosekuzzjoni sabiex jiġi revokat l-arrest tal-imputat minħabba l-ksur tal-imsemmi digriet tal-Onor. Maġistrat Dr. Audrey Demicoli mogħti nhar is-26 ta' Frar, 2021 fil-proċeduri ***Kumpilazzjoni Numru 505/2020***, din il-Qorti hi prekluża milli tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti b'dak id-digriet ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€777.69c** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Finalment ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trażżin kontra l-imputat għaf-favur ta' Vanessa Borg, Kathleen Montilla Castillo, Daniel Severiano Alonso Garcia De Quiros, Aussama Benwur, John Colombo, Maria-Grazia Colombo, u Ritienne Aqulina.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

---

[2] Fol.338